**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta Mejju 2017**

**Talba Nru: 4/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Nicholas John Vella**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fid-9 ta' Gunju 2017 u li permezz taghha talbet lill-konvenut ihallas disa' mija u hamsa w hamsin Euro u sebgha w hamsin centezmu (€955.57) in konnessjoni ma' servizzi migbura bil-kont numru 40476603.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali 2069/16, u bl-imghaxijiet legali sa mis-27 t'Ottubru 2016, data tal-prezentata ta' l-imsemmija ittra ufficjali.

Ra illi permezz ta' risposta prezentata fit-13 ta' Frar 2017 il-konvenut eccepixxa:

1. Illi l-kuntratt relatat mal-kont in kwistjoni ilu li gie terminat ghal numru ta' snin tant li l-esponent kien irritorna lura l-apparat kollu u ma hemm l-ebda ammont dovut lis-socjeta' rikorrenti.
2. Illi minghajr pregudizzju ghal-suespost, l-esponent jirrespingi l-pretensjonijiet u l-allegazzjonijiet migjuba kontra tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti sabiex iggib prova ta' l-ammont li qieghda tallega li huwa dovut, liema amont reklamat huwa kontestat.

Salv eccezzjonijiet ohra.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob hlas ta' disa' mija u hamsa w hamsin Euro u sebgha w hamsin centezmu (€955.57) in konnessjoni ma' servizzi migbura bil-kont numru 40476603, moghtija mis-socjeta' attrici fl-interess tal-konvenut.

Illi xehdet Melanie Pace, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li spjegat dwar kif dak mitlub mis-socjeta' attrici kien dovut.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2017 xehed il-konvent u ammetta li dak mitlub mis-socjeta' attrici kien dovut. Fil-fatt il-partijiet f'dik l-istess seduta kienu vverbalizzaw ftehim fis-sens illi l-konvenut talab illi l-ammont fil-mertu kif ukoll l-ispejjez u l-imghaxijiet kif mitluba jithallsu minnu f'pagamenti mensili ta' tliet mitt Euro (€300) sakemm l-ammont jigi saldat.

Illi fis-seduta tat-30 ta' Mejju 2017 is-socjeta' attrici prezentat nota ta' riduzzjoni li permezz taghha naqqset l-ammont li qed titlob bi tliet mitt Euro, biex b'hekk l-ammont li issa kienet qed tippretendi fil-mertu kien ta' sitt mija u hamsa w hamsin Euro u sebgha w hamsin centezmu (€655.57).

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie dikjarat mill-qrati nostrani, "it-transazzjoni għandha żewġ elementi partikulari li jikkaratterizzawha u jiddistingwuha mill-kuntratti l-oħra; l-ewwel wieħed hu d-dubju, li minnu jridu joħorġu l-partijiet billi jirriżolvuh huma stess minflok iħallu d-deċiżjoni fuqu

għall-Qorti; it-tieni hu dak li l-prattiċi jsejħu l-"hinc inde remissum", ċjoè il-konċessjoni jew sagrifiċċju reċiproku" (Kollez. Vol. XLIII.i.418). It-transazzjoni "għandha l-effett ta' sentenza li tgħaddi f'ġudikat u għalhekk it-tranzazzjoni hi parifikata għal sentenza (Kollez. Vol. XXXIV.iii.900).

Illi permezz tal-verbal fuq imsemmi, il-partjiet ghazlu li minflok jifformalizzaw it-tranzazzjoni permezz ta' ftehim bejniethom, tigi formalizzata permezz tas-sentenza ta' dan it-Tribunal. It-Tribunal, kunsidrat il-qbil li hemm bejn il-partijiet, ma jistax hlief jifformalizza l-ftehim milhuq bejniethom, u ma jista' jnaqqas jew izid xejn minnu.

**Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, u dan billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u hamsa w hamsin Euro u sebgha w hamsin centezmu (€655.57), li ghandhom jithallsu hekk kif gej:**

**Ghandhom isiru hlasijiet mensili ta' tliet mitt Euro (€300) kull wiehed li jithallsu fl-ewwel jum ta' kull xahar, b'effett mill-1 ta' Gunju 2017, sakemm jithallsu l-kapital u l-imghax skond il-ligi, u l-ispejjez ta' din il-kawza.**

**L-imghaxijiet ghandhom jithallsu mill-konvenut kif mitluba fit-talba attrici.**

**Jekk madankollu l-konvenut jonqos milli jhallas skadenza wahda, jitlef il-beneficcju tat-terminu, u l-bilanc isir dovut minnufih.**

**Ghal kull fini jerga' jinghad li l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna ghandhom jithallsu mill-konvenut.**

**Avukat Dr. Claudio Zammit**
**Gudikatur**

Mary Josette Musu'
Deputat Registratur